MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1459/1999/1

**Suzanne Meli**

**-vs-**

**Godwin Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-24 ta’ Ottubru, 1987, kif jirrizulta mic-certifikat taz-Zwieg anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument A, minn liema zwieg ma twieldux tfal;

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li jirregola z-Zwigijiet;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-kwistjoni ta' nullita` gia giet ittrattata quddiem it-Tribunal Eklezjastiku fuq it-tali kapi "*due to the inability of respondent to assume the marital obligations*" u "*the grave lack of discretionary judgment of respondent*" u t-Tribunal Eklezjastiku ddikjara z-zwieg null fuq l-istess bazi;

2. Illi l-konvenut jadixxi ghal dik id-decizjoni tat-Tribunal;

3. Illi l-kawza odherna hija sostanzjalment bazata fuq l-istess ragunijiet li waslu ghall-annullament taz-zwieg tal-knisja;

4. Illi ghalhekk il-konvenut jaqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi ai termini ta’ l-Att XXVII ta’ l-1975;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-8 ta’ Marzu 2000 li permezz tieghu giet nominata bhala espert gudizzjarju l-avukatessa Dr. Greta Agius biex tigbor il-provi u terrelata;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol. 29 *et sequitur* u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza ta’ l-20 ta’ Frar 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Fl-azzjoni proposta minnha l-attrici qed tallega li z-zwieg taghha mal-konvenut, celebrat fl-24 ta' Ottubru 1987, ghandu jigi annullat fuq il-bazi duplici, jew alternattivi, tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1) (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li jirregola z-Zwigijiet;

L-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti qabel kull indagini ohra hi dik li, ottenuta d-decizjoni favorevoli u definittiva fit-3 ta' Dicembru 1999 mit-Tribunal Ekklesjastiku tat-Tieni Istanza, l-attrici kellha, in forza ta' l-Artikolu 24 tal-Kap. 255, kull dritt tghaddi ghar-registrazzjoni ta' din id-decizjoni hekk reza ezekuttiva, gjaladarba din ir-registrazzjoni kien "ikollha effett daqslikieku kienet decizjoni minn Qorti u li tkun saret *res judicata* (Artikolu 23(1)). Din il-Qorti assolutament ma tifhimx il-ghala l-attrici ma addottatx din il-procedura lilha akkordata bl-Att I ta' l-1995 li emenda l-Att principali. Dan

certament setghet taghmlu anke jekk kienet inizzjat l-kawza civili odjerna (23 ta' Gunju 1999), ftit xhur biss qabel il-pronunzjament finali tat-Tribunal Ekklezjastiku (3 ta' Dicembru 1999);

Jekk l-attrici ma eleggietx din it-triq procedurali ferm aktar hafifa, jinkombi bi dmir fuq il-Qorti li tezamina l-provi fl-atti ta' din il-kawza;

Il-konsiderazzjonijiet zvolti mill-perit legali, li din il-Qorti qed taddotta, huma konfacjenti mal-fatti pruvati u ma' l-iskop u spirtu tal-ligi;

Hekk ma jirrizultax mill-provi illi f'dan iz-zwieg il-kunsens tal-kontendenti eskluda a priori z-zwieg innifsu, jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg (Artikolu 19(1)(f)). Anzi minn diskors il-kontendenti jidher li t-tnejn li huma xtaqu u riedu li z-zwieg taghhom jirnexxi. Dan sahansitra jammettih b'mod espress il-konvenut fl-Affidavit tieghu (fol.15);

L-istess ma jistax jinghad taht l-ipotesi kontemplata fl-Artikolu 19(1)(d). Mill-verifiki tal-Psikjatri li ezaminaw lill-konvenut irrizulta li dan kien sofferenti minn "*secondary impotence specific to his wife*" ossija "*sexual aversion disorder*" [Ara rapport tal-Psikjatri George Debono (fol. 20) u John Mifsud (fol. 21)]. Din l-avversjoni tal-konvenut ghal kuntatt sesswali ma' martu harbtet ir-relazzjonijiet ta' bejniethom u impedit l-izvilupp san tal-personalita` psikologika tieghu;

Din l-anomalija psikologika hekk serja, irrendiet lill-konvenut fi stat tali ta' anormalita` li rrenda r-rapport intimu u interpersonali ma' martu bhala ghal kollox insodisfacenti jekk mhux ukoll ghal kollox assenti. Dan sa' mill-bidunett taz-zwieg. In effetti gie konstatat illi din l-immaturita` psikika tieghu ma hallietux jevalwa l-obbligazzjonijiet matrimonjali essenzjali;

F'dan l-istat ta' fatt maghruf kien logiku kemm ghal perit legali kif ukoll ghat-tribunal ekklezjastiku illi jirravvizaw li l-konvenut ma kellux dawk il-kapacitajiet intellettwali u

valutattivi li jaghraf, jirrifletti, u jeddeciedi liberament fuq l-qalba tal-kunsens taz-zwieg. Din l-assenza tal-fakolta` kritika-estimativa jew kritika-valutattiva, hekk indotta mill-qaghda psikika tieghu, ghamlitu inabbli li jassumi u jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Huwa sintomatiku, imbaghad, li kombacjat ma' dan ikollok il-vizzju fil-konvenut tad-diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u b'hekk tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti fl-24 ta' Ottubru 1987 huwa null u bla effett ghal motiv dedott fl-Artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255). Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg numru 1873/87 li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 5 tal-process.

Tenut rigward tac-cirkostanzi u ta' dak li nghad supra, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

(ft) Philip Sciberras

________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur